**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

# DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 04/2024

**L-Erbgħa 28 ta' Awwissu, 2024**

Il-Kunsill Lokali Pembroke Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fl-4:30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Kaylon Zammit – Sindku

Adrian Dominic Ellul – Viċi Sindku

Therise Abela – Kunsillier

Carmel Cesare – Kunsillier

Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Kaylon Zammit ippresjeda l-laqgħa.

### 4.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija.

4.01.1 Is-Sindku Kaylon Zammit informa lill-Kunsill li l-membri kollha kienu preżenti.

### 4.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 03/K9/2024.

4.02.1 Is-Sindku Kaylon Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 03/K9/2024 kif ippreżentati.

4.02.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

4.02.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 4.03 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/4307/24/I** Email mingħand il-Perit tal-Kunsill Dieter Falzon fejn bagħat estimu għax-xogħol ta' patching għat-triq tal-bajja.

**46/5092/24/I** Email mingħand residenta dwar l-istat ħażin ta' Triq tal-Bajja.

**46/5289/24/I** Email mingħand is-Sindku fejn jaqbel li fejn hemm ħofor perikolużi, jingħalqu bil-konkos iżda talab ikun infurmat bil-prezzijiet minn qabel, għax il-prezzijiet li rċieva s'issa l-Kunsill ma jagħmlux sens fuq patching.

4.03.1 Is-Sindku Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/4307/24/I, 46/5092/24/I u 46/5289/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill iqabbad lill-kuntrattur J&K Contractor, biex fejn hemm ħofor perikoluża fit-toroq li minn Triq il-Mediterran jagħtu għall-kosta, jingħalqu bil-konkos b'mod temporanju, u dan sabiex jitneħħa kull periklu u sakemm tinstab soluzzjoni alternattiva.

4.03.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

4.03.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4743/24/I** Email mingħand Sport Malta fejn bagħtu stedina biex il-Kunsill jipparteċipa fil-European Week of Sports Local Councils' Initiative li ser tinżamm bejb l-1 ta' Settembru sa 15 ta' Ottubru 2024.

4.03.4 Is-Sindku Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/4743/24/I** fejn ippropona li l-Kunsillier Carmel Cesare ifassal pjan ħalli jkun jista' jiġi preżentat, u eventwalment approvat mill-Kunsill.

4.03.5 Il-Kunsillier Carmel Cesare issekonda u żied li din l-attività għandha issir nhar is-Sibt 5 t'Ottubru fil-ħinijiet ta' filgħodu.

4.03.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4941/24/I** Email mingħand Project Green fejn bagħtu l-speċifikazzjonijiet tal-play equipment.

4.03.7 Is-Sindku Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/4941/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova l-ħruġ ta' dan it-tender li ser ikun iffinanzjat minn Project Green.

4.03.8 Il-Kunsillier Carmel Cesare issekonda.

4.03.9 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4961/24/I** Email mingħand EPIC fejn infurmaw lill-Kunsill bil-bidla li ser ikun hemm fil-metodu tal-ħlasijiet tal-kontijiet.

4.03.10 Is-Sindku Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/4961/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova li dan il-ħlas jibda isir permezz ta' direct debit mill-kontijiet bankarji tal-Kunsill.

4.03.11 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

4.03.12 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5007/24/I** Email mingħand Urban Play Solutions fejn infurmaw lill-Kunsill li waħda mill-bandli ta' Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta nqalgħet u ser tiġi mibdula u ġie nnutat li hemm il-play equipment iż-żgħira li ġiet ivvandalizzata.

**46/5046/24/I** Kwotazzjoni mingħand Urban Play Solutions għal tibdil ta' seat komplut għall-prezz ta' €175 eskluż il-VAT.

4.03.13 Is-Sindku Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/5007/24/I u 46/5046/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova l-kwotazzjoni sabiex isir it-tibdil meħtieġ kif ukoll li naraw kif tista' tiġi rranġata parti minn bandla oħra li wkoll sfortunatament ġiet ivvandalizzata.

4.03.14 Il-Kunsillier Carmel Cesare issekonda.

4.03.15 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5022/24/I** Email mingħand il-Melita fejn bagħtu l-proposta tagħhom sabiex jitneħħew il-maġġoranza tal-wajers fi Triq l-Imħallef William Harding fiż-żona tal-proġett ta' Project Green.

**46/5280/24/I** Email mingħand il-GO plc fejn bagħtu kwotazzjoni ta' €4,221.80 eskluż Vat għal shifting għal underground cables fi Triq l-Imħallef William Harding fiż-żona tal-proġett ta' Project Green.

4.03.16 Is-Sindku Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/5022/24/I u 46/5280/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill, għandu jibgħat dawn l-istimi, flimkien ma' stima li għad irid jirċievi l-Kunsill kemm mingħand Epic mingħand il-Perit tal-Kunsill u mingħand MicaMed Ltd, lill-Project Green, biex naraw jekk huwiex possibbli li jiffinanzjaw din l-ispiża bħala parti mill-proġett fi Triq l-Imħallef William Harding.

4.03.17 Il-Kunsillier Carmel Cesare issekonda.

4.03.18 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5091/24/I** Ittra ta' riżenja mingħand l-iskrivana Dorianne Wells.

4.03.19 Is-Sindku Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/5091/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jaċċetta r-riżenja tas-sinjura Wells u jinfurmha bit-terminu skont il-kuntratt tal-impjieg tagħha.

4.03.20 Il-Kunsillier Carmel Cesare issekonda.

4.03.21 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

4.03.22 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5119/24/I** Email mingħand il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul fejn informa l-Kunsill li fil-ġnien ta' Triq ANZAC fuq in-naħa ta' ġewwa hemm żewġ siġar mejta.

**46/5434/24/I** Email mingħand il-CM MAKS Engineering Ltd. fejn bagħtu rapport ta' siġar mejta fil-lokal.

4.03.23 Is-Sindku Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/5119/24/I u 46/5434/24/I** fejn informa lill-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul li bħalissa l-*Contracts Manager* qed jieħu rendikont tal-lokalita' kollha, inkluż l-identifikazzjoni ta' siġar mejta sabiex jittieħdu r-rimedji neċessarja.

**46/5126/24/I** Email mingħand LGD fejn bagħtu l-approvazzjoni sabiex tinħareġ is-sejħa għall-impjieg ta' Skrivan Full Time Skala 15.

**46/5127/24/I** Email mingħand LGD fejn bagħtu l-approvazzjoni sabiex tinħareġ is-sejħa għall-impjieg ta' Assistent Skrivan Full Time Skala 16.

4.03.24 Is-Sindku Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/5126/24/I u 46/5127/24/I** fejn tenna li l-proċess sabiex timtela l-vakanza kien inbeda. Il-kelliem ippropona li l-Bord tal-intervisti għandu jkun kompost minnu bħala Sindku, mis-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg u mill-impjegata Alison Grixti.

4.03.25 Il-Kunsillier Carmel Cesare issekonda.

4.03.26 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5180/24/I** Kwotazzjoni mingħand J&K Contractors sabiex issir l-istruttura tal-konkos ta' Triq Cassino għall-prezz ta' €529.04.

4.03.27 Is-Sindku Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/5180/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jipproċedi b'din il-kwotazzjoni. Il-kelliem saħaq ukoll li l-kwotazzjoni/spejjeż għandhom jiġu infurmata bihom il-pulizija ħalli ssir talba biex jinġabru l-ispejjeż involuta.

4.03.28 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

4.03.29 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5184/24/I** Email mingħand il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul fejn bagħat it-twinning plan ta' x'jista' jsir bħala parti mit-twinning agreement li l-Kunsill għandu ma' Roccalumera.

4.03.30 Is-Sindku Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/5184/24/I** fejn talab lill-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul sabiex jispjega dak li qed ikun propost.

4.03.31 Wara l-ispjega tal-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul, is-Sindku Kaylon Zammit ippropona lill-membri biex jiflu dak li qed jiġi propost ħalli jekk sal-4 ta' Settembru ma jkun hemm ebda oġġezzjoni, il-Kunsill ikun jista' jibda l-proċess neċessarju.

4.03.32 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

4.03.33 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5279/24/I** Email mingħand resident fejn qed jitlob biex jagħmel boundary wall fil-propjetà 27, Triq Madre Margherita De Brincat.

4.03.34 Is-Sindku Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/5279/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jaddotta policy li tikkonċerna talbiet simili, liema policy għandha tkun li l-Kunsill jikkunsidra pożittivament talbiet ta' residenti / żviluppaturi li jitolbu li sakemm jiskavaw is-sit u jtellgħu sal-livell tat-triq, temporanjament joħorġu bil-boundary wall fuq u/jew taħt il-bankina, suġġett li l-aċċess għall-bankina jibqa' liberu u frank, u dejjem skont ir-regolamenti mitluba mill-Awtorità konċernata PA u/jew BCA. It-talba tiġi ikkunsidrata ukoll jekk min jagħmel it-talba jipprovdi t-terminu ta' żmien ta' kemm ser idum sabiex jitlesta x-xogħol sal-livell tat-triq biex b'hekk il-boundary wall ikun jista' jerġa jinbena lura fuq il-linja tal-parapett u l-bankina titreġġa għall-post oriġinali tagħha. Ma' tali talbiet, jekk l-iżviluppatur jiġi mitlub mill-PA li jagħmel service culvert, dan għandu fl-inter tiegħu jinbena fil-wisa tal-bankina kif ukoll li jiġi provduta sleeve adegwata biex is-servizzi jitilgħu u jinżlu fuq kull naħa tal-iżvilupp mingħajr il-bżonn li jkun hemm arbli. Il-kelliem żied li ladarba tkun provduta din l-informazzjoni, ir-resident ikun jista' japplika għall-permess fuq is-sit www.localpermits.gov.mt

4.03.35 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

4.03.36 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5302/24/I** Email mingħand il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul fejn bagħat ilment mingħand residenta li tiffrekwenta x-xagħri ta' Pembroke fejn ġibdet l-attenzjoni li hemm parti mill-fencing tal-injam biswit il-klabb tal-Melita maqlugħ u talab titla fl-aġenda tal-laqgħa.

4.03.37 Is-Sindku Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/5302/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill iqajjem dan is-suġġett waqt il-laqgħa li ser issir ma' Nature Trust (Malta).

4.03.38 Il-Kunsillier Carmel Cesare issekonda.

4.03.39 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5325/24/I** Email mingħand J&K Contractors fejn bagħat BOQ emendata kif mitlub dwar il-proġett ta' Triq l-Imħallef William Harding.

4.03.40 Is-Sindku Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/5325/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għar-rati mitluba ladarba l-BOQ ġiet approvata ukoll minn Project Green, liema BOQ qed tinkludi rati li jintużaw minn IM waqt xogħlijiet simili.

4.03.41 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

4.03.42 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5369/24/I** Email mingħand il-Perit tal-Kunsill Dieter Falzon fejn b'referenza għall-works order 94/2024 dwar ir-rapport ta' problema ta' żamma t'ilma quddiem il-propjetà partikulari fi Triq Patri A. Tonna Barthet, il-perit huwa ta' l-opinjoni li jsir survey dettaljat tal-livelli tat-triq biex tinstab soluzzjoni.

4.03.43 Is-Sindku Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/5369/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jipproċedi sabiex jitwettaq is-survey meħtieġ.

4.03.44 Il-Kunsillier Carmel Cesare issekonda.

4.03.45 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5444/24/I** Email mingħand il-Perit tal-Kunsill Dieter Falzon fejn bagħat ir-rapport dwar il-kundizzjoni tal-bankini li saru mill-WSC.

4.03.46 Is-Sindku Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/5444/24/I** fejn ippropona li kopja tar-rapport għandha tintbagħat għall-kummenti u l-attenzjoni tal-Ing. tal-WSC li kienet responsabbli mix-xogħlijiet.

4.03.47 Il-Kunsillier Carmel Cesare issekonda.

4.03.48 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5460/24/I** Kwotazzjoni mingħand Piscopo għal flower pots.

**46/5449/24/I** Email mingħand Homemate fejn infurmaw lill-Kunsill li l-flower pots li staqsejna fuqhom huma out of stock.

4.03.49 Is-Sindku Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/5460/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jmexxi bl-irħas kwotazzjoni, u f'każ li l-irħas kwotazzjoni tkun out of stock, jimxi għall-kwotazzjoni li jmiss.

4.03.50 Il-Kunsillier Carmel Cesare issekonda.

4.03.51 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5484/24/I** Email mingħand National Literacy Agency fejn talbet biex jibdew isiru sessjonijiet ta' Seħer l-Istejjer/ The Magic of Stories' maħsub għat-tfal ta' bejn 4 u 7 snin u l-ġenituri/kuraturi nhar ta' Sibt bejn it-8.30am u d-9.30am.

4.03.52 Is-Sindku Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/5484/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jilqa' din it-talba fid-dawl li l-Kunsill Lokali ser jkun miftuħ fil-ħinijiet proposti.

4.03.53 Il-Kunsillier Carmel Cesare issekonda.

4.03.54 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5547/24/I** Email mingħand GoDaddy għar-renewal tal-hosting tal-web site tal-Kunsill.

4.03.55 Is-Sindku Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/5547/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova l-pagamenti dovuti sabiex il-website tibqa' tiffunzjona li jinkludu l-hosting, ċertifikazzjoni tal-SSL u online support.

4.03.56 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

4.03.57 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5548/24/I** Email mingħand JVP Group Company Ltd. fejn qed jiktbu f'isem ir-resident li għandu l-propjetà fi Triq il-Mediterran kantuniera ma' Triq il-Fortizza fejn talab il-permess biex jirranġa l-bankina kif ukoll li ser

ipoġġi PVC pipe x 100mm u 3 inspection boxes u għal eventwalment street lighting.

4.03.58 Is-Sindku Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/5548/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jieħu nota tal-bankina in kwistjoni fejn jinħareġ il-permess tal-Kunsill suġġett li l-iżviluppatur jagħmel pipe taħt il-konkos sabiex ikun eventwalment jista' jintuża għal street lighting.

4.03.59 Il-Kunsillier Carmel Cesare issekonda.

4.03.60 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5581/24/I** Email mingħand Transport Malta fejn bagħtu l-pjanta proposta għall-bus shelter fi Triq Sant'Andrija u talbu feedback tal-Kunsill.

4.03.61 Is-Sindku Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/5581/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu japprova d-disinn propost u jitlob lil-Transport Malta, sabiex meta d-disinn tal-Bus shelter ikun ikkonfermat, jinfurmaw lill-Kunsill sabiex jaqsam l-aħbar mar-residenti.

4.03.62 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

4.03.63 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5604/24/I** Email mingħand Malta ANZAC fejn talbu l-Kunsill jkun hemm is-servizz tal-ilma fejn Australia Hall minħabba li ġabu permess mill-iżvilupattur fejn waqt ANZAC Week f'April 2025 ġejjien xi persuni mill-Australian u New Zealand U18 u ser jiżirgħu xi qsari f'pots.

4.03.64 Is-Sindku Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/5604/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jitlob il-kummenti tas-sidien, fejn jiġu infurmata li l-Kunsill ma jistax jintervjeni fuq art privata.

4.03.65 Il-Kunsillier Carmel Cesare issekonda.

4.03.66 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5615/24/I** Email mingħand Malta Tutors fejn talbu laqgħa mal-Kunsill dwar il-proposta After-School Homework Club.

4.03.67 Is-Sindku Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/5615/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jaqbel fil-prinċipju u għalhekk ser tintalab aktar informazzjoni biex il-Kunsill ikun jista' jesplora jekk tali inizjattiva tistax issir waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju.

4.03.68 Il-Kunsillier Carmel Cesare issekonda.

4.03.69 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.03.70 Il-Kunsillier Charles Cesare ippropona li l-Kunsill jitlob stima biex issir il-manutenzjoni tal-passaġġ li hemm bejn Triq Alamein u Triq Giorgio Mitrovich (bejn il-kamra tad-dawl u Sprachcaffe)

4.03.71 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

4.03.72 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.03.73 Is-Sindku Kaylon Zammit ippropona li fiż-żona ta' Ġnien 4 ta' Lulju, jitwaħħlu tabelli li jindikaw li ż-żona hija waħda residenzjali, kif ukoll l'issir sleeping police fi Triq Alamein bejn Triq il-President Anton Buttigieg u St. Catherine High School.

4.03.74 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

4.03.75 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.03.76 Is-Sindku Kaylon Zammit ippropona li l-Kunsill jerġa' jikteb lill-Melita FC dwar skart li qed jitħalla fuq propjetà privata tagħhom, l'iżda hija aċċessibbli għall-pubbliku.

4.03.77 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

4.03.78 Il-Kunsill qabel unanimament.

**4.04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.**

4.04.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Kaylon Zammit għadda għall-item li kien imiss.

**4.05 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.**

4.05.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 13/2024** – Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 03/K9/24 u 04/K9/24. **(Ara Dok. 1)**

4.05.2 Is-Sindku Kaylon Zammit għamel referenza għall-**Internal Memo 13/2024** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

4.05.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

4.05.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4.06 Santwarju għall-qtates.

**46/5413/24/O** Email li s-Sindku Kaylon Zammit bagħat lir-residenta fejn b'referenza għall-email tagħha dwar proposta sabiex isir santwarju tal-qtates fil-lokal informaha li ser tiġi diskussa mal-membri tal-Kunsill.

**46/5414/24/I** Email mingħand il-Kunsillier Therise Abela fejn indikat li taqbel mal-proposta tas-santwarju tal-qtates u talbet tkun diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill.

4.06.1 Is-Sindku Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/5413/24/O u 46/5414/24/I** fejn irrimarka li l-Kunsill għandu jieħu nota tas-siti li bħalissa qed jiffunzjonaw bħala post/shelter għall-qtates fil-lokal. Fid-dawl ta' dan, il-kelliem ippropona li dawn is-siti għandhom jiġu evalwati u fejn huwa possibbli rranġata sabiex joffru kenn lill-qtates b'mod aħjar.

4.06.2 Il-Kunsillier Therise Abela issekondat.

4.06.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4.07 Open outdoor gym fil-picnic area.

4.07.1 Is-Sindku Kaylon Zammit informa lill-Kunsill li waqt laqgħat li l-Kunsill żamm mal-għaqda 'Bulletproof', ġie identifikat sit (parti mill-picnic area bejn Triq Mandalay u Triq Anzio) fejn jista' isir dan l-open gym. Il-kelliem irrimarka li l-għaqda 'Bulletproof' infurmatu li kienu sabu sponsor li lest li jiffinanzja parti sostanzjali mill-proġett. Fid-dawl ta' dan, il-kelliem ippropona li l-Kunsill iressaq il-proposta biex il-proġett ikun iffinanzjat 10% mill-Kunsill permezz ta' DPF u 90% mill-isponsor.

4.07.2 Il-Kunsillier Carmel Cesare issekonda.

4.07.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4.08 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

4.08.1 Is-Sindku Kaylon Zammit ippreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Ara Dok. 2, 3 u 4)**

4.08.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Kaylon Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif irrakkomandat.

4.08.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

4.08.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4.09 Mozzjonijiet.

4.09.1 Is-Sindku Kaylon Zammit informa lill-Kunsill li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 4.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

4.10.1 Is-Sindku Kaylon Zammit għalaq il-laqgħa fit-17:55pm wara li unanimament kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi aġġornata għal nhar l-Erbgħa 25 ta' Settembru 2024 fil-5:30pm.

**Konfermati, illum 25 ta' Settembru, 2024**

**IFFIRMAT**

Kaylon Zammit
**Sindku**

**IFFIRMAT**

Kevin Borg
**Segretarju Eżekuttiv**

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 1

**Internal Memo Referenza 13/2024** **28 ta' Awwissu 2024**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 03/K9/24 u 04/K9/24

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 134 | 2024 | B. Grima and Sons | Tlabna tiġi rranġata t-tabella tal-isem ta' Triq il-Mediterran u Mera kbira fi Triq Burma faċċata ta' Triq il-Fortizza |
| 135 | 2024 | J&K Contractors | Tlabna tiġi ranġata kaxxa tal-plastik mill-grizi quddiem Dar 9 fi Triq il-Mediterran. |
| 136 | 2024 | Urban Play Solutions | Infurmajnih li l-Kunsill aċċetta l-kwotazzjoni għat-tibdil tal-bandla fil-Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta għall-prezz ta' €175 eskluż il-VAT. |
| 137 | 2024 | Global Tech | Tlabna jiċċekjaw il-kamera li tinsab faċċata tal-Maypole u dan minħabba li tidher imċajpra u ma jidher xejn. |
| 138 | 2024 | Mica Med | Tlabna biex tiġi msewwija l-lampa W152 |
| 139 | 2024 | Giov Muscat | Tlabna biex issir timbru qies 18*54mm €27 inkluz vat |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Kaylon Zammit sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE